RABAT

*KUNSILL LOKALI IR-RABAT*

**MINUTI tal-Laqgħa F30**
**Il-Kunsill iltaqa' nhar**
**Il-Gimgha 22 ta' Lulju 2011 fis-7.00 p.m.**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8 Triq l-Isptar, Rabat**

Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** — Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| Is-Sna Doris Coleiro | Vici-Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Antoine Borg | Kunsillier |
| Dr. Robert Micallef | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sna. Orietta Masini Cardona | Agent Segretarju Ezekuttiv |

**Skużat:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Frans Chircop | Kunsillier |

**1.00 Qari u approvazzjoni tal-Minuti Laqgha b'Urgenza F28**

1.01 Is-Sindku Sandro Craus ppropona li l-minuti tas-seduta numru F28 tal-Kunsill jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Antoine Borg issekonda. Il-minuti gew approvati. — Approvazzjoni tal-Minuti Laqgha b'Urgenza F28

**2.00 Korrezzjonijiet F28**

2.01 Ma kien hemm l-ebda korrezzjonijiet. — Korrezzjonijiet F28

**3.00 Qari u approvazzjoni tal-Minuti F29**

3.01 Is-Sindku Sandro Craus ppropona li l-minuti tas-seduta numru F29 tal-Kunsill jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Antoine Borg issekonda. Il-minuti gew approvati. — Approvazzjoni tal-Minuti F29

**4.00 Korrezzjonijiet F29**

4.01 Ma kien hemm l-ebda korrezzjonijiet. — Korrezzjonijiet F29

**5.00 Punti li johorgu mill-Minuti F29**

5.01 11.00 Is-Sindku Alexander Craus nforma l-laqgha is-Sna Orietta Masini Cardona kienet bdiet l-hatra taghha bhala Agent Segretarju Ezekuttiv tal-kunsill u li bhalissa kienet ghaddejha bil-process tal-'handover' minghand l-Ex Deputat Segretarju Ezekuttiv is-Sna. Roberta Ciantar. Huwa kompla billi qal li bhalissa l-Agent Segretarju Ezekuttiv ghadejha b'tahditit mal-ammistrazzjoni tal-kunsill biex jinbidlu xi rwoli tal-haddiema. — Hatra ta' Segretarju Ezekuttiv

KUNSILL LOKALI RABAT
8, Triq l-Isptar, Rabat RBT 1043, Malta Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

| | | |
|---|---|---|
| 5.02 | 12.00 Is-Sindku nforma l-laqgha li sar pjan 'adoc' fuq id-decizzjonijiet li ha l-kunsill u li fil-granet li gejjin ser issiru laqghat mal- kumitati taz-zewg baned biex ninfurmawhom x'inhu l-involviment taghhom f'Jum ir-Rabat. | Jum ir-Rabat |
| 5.03 | 13.00 Is-Sindku nforma l-laqgha li issa hemm dati stabbiliti ghar- 'Rabat Arts Festival' li huma it-22 u it-23 ta' Ottubru. Il-Vici Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Rudolf Grima ser jibdew jahdmu fuq il-programm tal-attivita' fil-jiem li gejjin. | L-Attivita tat-2 ta' Ottubru 2011 |
| 5.04 | 13.06 Il-Kunsillier Nazju Cassar pogga fuq il-mejda tal-kamra 'site plan' tax-xelter li jinsab fi Triq San Luqa. | |
| 5.05 | 7.02 Is-Sindku nforma l-laqgha li ghal-ewwel darba kien sar ftehim mal-Koperattiva tal-Bdiewa tar-Rabat fejn ghamlu bicca xoghol tajba hafna. Is-Sindku propona li l-kunsill jibghat ittra ta' ringrazzjament lil Koperattiva biex juri l-apprezzament tal-kunsill. Il-Kunsill qabel. | Wirja ta' l-Imnarja 2011 |
| 5.06 | 10.01 Is-Sindku nforma l-laqgha li l-hlas ta' Euro 1185.60 lil familja Giordmania kien sar u ghalhekk issa l-kaz huwa maghluq. | Konjugi Giordmaina vs Kunsill Lokali Rabat vs Transport Malta |
| 5.07 | 10.02 Is-Sindku nforma l-laqgha li l-pagament numru 3468 li kellu johrog f'isem is-Sinjorina Graziella kien sar. | Konferenza taz-Zghazagh |
| 5.08 | 14.00 Is-Sindku nforma l-laqgha li l-Bye Laws dwar il-Kontroll tal-Hamiem, tar-Reklamar, Korsijiet u Attivitajiet kienu ghadhom pendenti. | Bye Law dwar il-Kontroll tal-Hamiem |
| 5.09 | 15.00 Is-Sindku informa l-laqgha li l-kuntratt tal-Archaeotur (Italia – Malta 2007 – 2013) bejn il-Kunsill flimkien mal-Kunsill Lokali tal-Mosta, l-Heritage Malta, l-MTA u l-Comune di Ragusa kien gie iffirmat. | Hrug ta' Offerta ghax-Xoghol ta' manutenzjoni fuq il-Katakombi ta' Santu Wistin |
| 5.10 | 27.05 Is-Sindku nforma l-laqgha li [redacted]. l-Kunsill kien iddecida li ma jinhargux aktar permessi ghal tkissir minhabba l-istat hazin tat-triq Vjal l-Haddiem. | Trinka fi Vjal il-Haddiem |
| 5.11 | 27.12 Is-Sindku nforma l-laqgha li kien inxtara l-ixkaffar ghas-sistema tal-filing, pero is-sellun li jehhel mal-ixkaffar ma nxtarx ghax kien gholi hafna u ghalhekk ghalissa ser ninqdew bis-sellun li ghandna. | Xiri ta' xkaffar |

**6.00 Komunikazzjoni mis-Sindku nkluz korrispondenza**

| | | |
|---|---|---|
| 6.01 | Is-Sindku nforma l-laqgha li l-kunsill kien ircieva email minghand l-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali fejn infurmawna li d-dawl tat-toroq ser jghaddi f'idejn il-Kumitati Regjonali. Hu kompla ghid li hu ftit xettiku dwar dan, minhabba li l-'areas' li jaqaw taht il-Kunsill tar-Rabat huma kbar u anke minhabba il-fatt li kultant aktar ma tkabbar aktar ikun difficli biex timmanigja is-sistema. | Devoluzzjoni ta' dawl tat-toroq. |
| 6.02 | Is-Sindku nforma l-laqgha li waslet talba mil-Fondazzjoni Patri Martin Caruana OP biex Gnien tal-Misrah San Duminku jissemma ghal Patri Martin Caruana OP. Hu qal ukoll li l-fondazzjoni qed taghti servizz kbir lil lokalita'. Il-Kunsill qabel. | |
| 6.03 | Is-Sindku nforma l-laqgha li l-kunsill kien qed jircievi diversi ilment dwar is-servizz gdid tat-transport pubbliku. Ghaldaqstant huwa talab lil kunsilliera biex jaghtu il-'feedback' taghhom dwar x'qed jisimghu minghand ir-residenti Rabtin halli bhala kunsill nibghatu l-'feedback' taghna.<br><br>Is-Sindku qal li qed jircievi diversi ilmenti li s-servizz dirett ghal l-isptar inqatta. Huwa qal ukoll li important li ikun hemm servizz fl-hinijiet li fijhom tibda u tispicca l-iskola ghal dawk lis-studenti li ma joqghodux fic-centru tar-rahal. Huwa ssugerixa li l-kunsill jibghat ittra l-residenti tal-Landrijiet, Kuncizzjoni, Tas-Salib u | Is-servizz gdid tat-transport pubbliku. |

Ghemmiri fejn nistaqsuhom dwar is-servizz u f'liema hinijiet l-aktar li juzawh.

IL-Kunsillier Robert Micallef u l-Kunsillier Antoine Borg sahqu li minn go Triq Borg Olivier baqghu jghaddu l-'coaches' il-kbar mhux iz-zghar kif kien mifthem. Il-Kunsill qabel li ghandha nitkbu lil Arriva u TM biex jigu uzati 'mini buses' specjalment fl-'area' tal-Virtu u fic-centru tar-Rabat.

Il-Vici Sindku Doris Coleiro qallet li important li il-'coaches' jibdew jieqfu is-Saqqajja hdejn l-Ghalqa ta' Kola u Pjazza Anton Aguis. Is-Sindku qabel u ssugerixxa li l-kunsill jara ukoll fejn hemm nuqqas ta' 'stages'.

Il-Kunsillier Nazju Cassar issugerixxa li jittnehhew il-'bus lane' li hemm fit-terminus tas-saqqaja u issiru 'parking bays' minflokk.

Il-Kunsillier Antoine Borg issugerixxa li jittnehhew il-'bus lane' li hemm fi Triq Santa Rita u issiru 'parking bays' minflokk.

** Il-Kunsillier Nazju Cassar talab li jigi skuzat fit-8.15 p.m.

6.04 Is-Sindku nforma l-laqgha li l-kunsill kien ircieva l- 'Playgrounds Inspection Report' ta' Gnien tal-Barnuza u Gnien Bir Iljun. Huwa qal ukoll li l-Kunsillier Frans Chircop bhal kunsillier responsabbli mil'-playing fields' kien baghat ukoll l-kummenti tieghi dwar dan ir-rapport. Liema rapport u kummenti tal-Kunsillier Frans Chircop jinsabu anessi. — 'Playgrounds Inspection Report' ta' Gnien tal-Barnuza u Gnien Bir Iljun.

Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi issugerixxa li hemm bzonn tinbidel l-istruttura ta' Gnien Bir Iljun.

Il-Kunsillier Robert Micallef issugerixxa li Gnien Bir Iljun parti minnu ghandu ikun Gnien miftuh, armat b'sistemi solari ghad-dawl.

Is-Sindku ssugerixxa lil kunsill li jinsab post bhal Gnien Ghar barka fejn id-delettanti tal-bocci ikun jistghu jiprattikaw id-delizzju taghom.

**7.00 Minuti Kumitat Amministattiv tal-Virtu A10**

7.01 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-KA tal-Virtu A10 jittiehdu bhala moqrija. Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi issekonda. Il-Kunsill qabel. Kopja ta' dawn il-minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. — Minuti KA Virtu A10

**8.00 Approvazzjoni ta' l-iskeda tal-hlasijiet**

8.01 Is-Sindku Alexander Craus ippropona li l-iskeda tal-hlasijiet numru 198 tigi approvata kif emendata. Issekondat din il-proposta l-Vici Sindku Doris Coleiro. — L-iskeda tal-hlasijiet numru 198

**9.00 Ghazla tal-Kwotazzjoni ta' l-IT Technician**

9.01 Is-Sindku pprezenta l-minuti tal-Bord ta' l-Aggudikazzjoni, liema minuti jinsabu hawn annessi. Il-Kunsill qabel mal-proposta tal-bord li din il-kwotazzjoni ghandha tinghata lil Esco Micros Ltd. — Ghazla tal-Kwotazzjoni ta' l-IT Technician

**10.00 Ghazla tal-Kwotazzjoni tas-Servizz ta' Avukat**

10.01 Is-Sindku pprezenta l-minuti tal-Bord ta' l-Aggudikazzjoni, liema minuti jinsabu hawn annessi. Il-Kunsill qabel mal-proposta tal-bord li din il-kwotazzjoni ghandha tinghata li Dr. Richard Sladden. Il-Kunsill iddecida li jhallas lil Dr. Sladden b'rata ta' €236 fix-xahar (Option 2). — Ghazla tal-Kwotazzjoni ghas-Servizz ta' Avukat

**11.00 Ghazla tal-Kwotazzjoni ghat-Tisqija, Zamma u Manutenzjoni tal-Pjanti**

11.01 Is-Sindku pprezenta l-minuti tal-Bord ta' l-Aggudikazzjoni, liema minuti jinsabu hawn annessi. Il-Kunsill qabel mal-proposta tal-bord li din il-kwotazzjoni ghandha tinghata li JA Landscaping & Gardening.

Ghazla tal-Kwotazzjoni ghat-Tisqija, Zamma u Manutenzjoni tal-Pjanti

**12.00 Ghazla tal-Kwotazzjoni ghat-Tindif ta' l-Ufficcji Amministrattivi tal-Kunsill**

12.01 Is-Sindku pprezenta l-minuti tal-Bord ta' l-Aggudikazzjoni, liema minuti jinsabu hawn annessi. Il-Kunsill qabel mad-decizzjoni tal-bord li ghalissa ma jintghazel hadd minn dawk li applikaw,Gafa Saveway Cleaners Ltd u Mach Clean Ltd qabel ma jintalbu l-lista ta' l-impjegati registrati tal-kumpaniji, mal-Korporazzjoni tax-xoghol u tahrig.

Ghazla tal-Kwotazzjoni ghat-Tindif ta l-Ufficcji Amministrattivi tal-Kunsill

**13.00 Ghazla tal-Kwotazzjoni ghal-Gbir ta' Annimali Mejta**

13.01 Is-Sindku pprezenta l-minuti tal-Bord ta' l-Aggudikazzjoni, liema minuti jinsabu hawn annessi. Il-Kunsill qabel mal-proposta tal-bord li din il-kwotazzjoni ghandha tinghata li C&J Gauci.

Ghazla tal-Kwotazzjoni ghl-gbir ta' Annimali Mejta

**14.00 Ghazla tal-Kwotazzjoni ghas-Servizz ta' EU Consultant**

**14.01** Is-Sindku pprezenta l-minuti tal-Bord ta' l-Aggudikazzjoni, liema minuti jinsabu hawn annessi. Wara diskussjoni li saret bejn il-kunsilliera, il-Kunsill ikkonkluda li ghanda titbaghat ittra liz-zewg applikanti rispettivi fejn fija jintalbu biex ikun aktar specifiku u dettaljat l-ammonti kwotati minhom Il-Kunsill qabel.

Ghazla tal-Kwotazzjoni ta' EU Consultant

**15.00 Ghazla tat-Tender tar-Resurfacing tat-Toroq bil-Crete Print**

**15.01** Is-Sindku pprezenta l-minuti tal-Bord ta' l-Aggudikazzjoni, liema minuti jinsabu hawn annessi. Il-Kunsill qabel mal-proposta tal-bord li din it-tender ghandha tinghata lil Central Asphalt Ltd. Gie pprezentat ukoll ir-rapport ta' aggudikazzjoni mhejji mill-MED Design Associates.

Ghazla tat-Tender tar-Resurfacing tat-Toroq bil-Crete Print

**16.00 Ghazla tat-Tender tat-Tindif u Manutenzjoni tal-Latrina Pubblika ta' Triq il-Kullegg**

**16.01** Is-Sindku pprezenta l-minuti tal-Bord ta' l-Aggudikazzjoni, liema minuti jinsabu hawn annessi. Il-Kunsill qabel mal-proposta tal-bord li din it-tender ghandha tinghata lis-Sna. Mary Farrugia.

Ghazla tat-Tender Tindif u Manutenzjoni tal-Latrina Triq il-Kullegg

**17.00 Ghazla tal-Kwotazzjoni ghas-Servizz ta' Polza t'Assigurazzjoni**

17.01 Is-Sindku pprezenta l-minuti tal-Bord ta' l-Aggudikazzjoni, liema minuti jinsabu hawn annessi. Il-Kunsill qabel mal-proposta tal-bord li din il-kwotazzjoni ghandha tinghata lil Island Insurance Brokers, tal-Middlesea Insurance Plc.

Ghazla tal-Kwotazzjoni ghas-Servizz ta' Polza t'Assigurazzjoni

**18.00 Skema ta' Finanzjament ghall-Progetti u Inizjattivi mill-Kumitat Amministrattiv tal-Bahrija**

**18.01** Is-Sindku pprezenta ir-rapport mhejji mill-MED Design Associates. Il-Kunsill qabel mad-decizzjoni tal-Kumitat Amministrattiv li ssir 'resurfacing' tal-bankina fi Triq Francesco Azzopardi.

Skema ta' Finanzjament ghall-Progetti u Inizjattivi mill-Kumitat Amministrattiv tal-Bahrija

**19.00 Skema ta' Finanzjament ghall-Progetti u Inizjattivi mill-Kumitat Amministrattiv tal-Virtu.**

**19.01** Is-Sindku pprezenta ir-rapport mhejji mill-MED Design Associates Il-Kunsill qabel mad-decizjoni tal-Kumitat Amministrattiv li tigi asfaltata Triq Ix-Xaghra tax-Xini u Triq Ix-Xaghra ta' Girad.

Skema ta' Finanzjament ghall-Progetti u Inizjattivi mill-Kumitat

Amministrattiv tal-Virtu

**20.00 Approvazzjoni tal-Programm tal-Hargiet ghall-Anzjani (Lulju - Dicembru 2011)**

**20.01** Is-Sindku pprezenta il-programm tal-Hargiet ghall-Anzjani ghal perjodu bejn Lulju – Dicembru 2011 li hejjiet il-Vici Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill approva. — Programm Hargiet ghall-Anzjani

**21.00 Affarijiet Ohra**

Il-Kunsillier Robert Micallef sahaq li l-'yellow bays' qed jizdiedu ma kull gurnata li tghaddi ghaldaqstant.ippropona li hemm bzonn li jsir 'Traffic Assesment'. Huwa talab ukoll li tinbghat ittra lil TM fejn fija nitolbohom jaghtuna r-ragunijiet li fuqhom inhareg il-permess ghar-'reserved parking' go Triq San Publiju (faccatta ta' plot bl-isem 'Sardinelle'). Il-Kunsill qabel. — Traffic Assesment

Is-Sindku tkellem dwar il-kwistjoni ta' Vjal il-Haddiem fejn semma li hu fil-'press conference' prova ikun car kemm jista jkun, li f'din il-kwistjoni il-kunsill ghadu ragun. Hu qal li l-West Local Plan jispjega car li din hija triq distributorja, kif ukoll il-Ligi tal-Kunsilli Lokali tispjga car li t-toroq distributorji jaaghu taht r-responsabilita tal-gvern centali. Kopja tal-informazzjoni migbura mis-Sindku ser tinghata lil kunsilliera — Kwistjoni Vjal il-Haddiem

Is-Sindku nforma l-laqgha li fil-jiem li gejjin ser tinghata l-ahhar parti ta' 'extensive patching' lit-Triq tal-Kuncizzjoni. Hu qal ukoll li dalwaqt ser jinbeda x-xoghol ta' 'resurfacing' go Triq Hofriet ir-Rizz, tas-Salib u tan-Nammura. — Resurfacing Triq il-Kuncizzjoni, Hoffriet ir-Rizz, Tas-Salib u in-Nammura.

Is-Sindku ppropona li jittnehhew l-'iskips' li hemm l-Ghemmieri u Hofriet ir-Rizz ghaliex dawn mhux qed issir uzu tajjeb minnhom u minflokk jinghata 'bin' lil kull resident. Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi u il-Kunsillier Robert Micallef issekondaw din il-proposta. — Tnejjija ta' skips l-Ghemmieri u Hofriet ir-Rizz

Il-Kunsillier Antoine Borg ippropona li tintbaghat ittra lis-sid ta' plot li ghadu kif inbena go Triq Santa Rita, fejn nitolbuh biex jirranga l-bankina ta' quddiem il-plot tieghu. Din l-bankina spiccat imkissra waqt xogholijiet li kienu qed issiru fuq dan l-imsemmi plot. Is-Sindku ssekonda din il-proposta. — Tintbghat ittra lil sid il-plot ta' Triq Santa Rita

**22.00 Aggornament**

22.01 Il-Kunsill qabel li l-laqgha tal-Kunsill li jmiss ghandha ssir nhar l-Erbgha 17 ta' Awissu 2011 fis-7.00 p.m. — Aggornament

22.02 Il-laqgha ntemmet fid-9.30 p.m.

**Alexander Craus**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Agent Segretarju Ezekuttiv**